*Kummentarju (4)*

# L-Iżbalji Umani u l-Abbużi Morali fil-Ħajja tal-Knisja



*kitba ta'* **DUN ANTON SULTANA**

**Dan l-aħħar kellna żewġ dikjarazzjonijiet importanti dwar żbalji koroh u abbużi minn saċerdoti u reliġjużi fil-Knisja lokali u universali, waħda ta' l-Isqof Mario Grech dwar "Lourdes Home" u l-oħra tal-Papa Benedittu XVI f'Washington dwar qassisin f'każi ta' pedofilija fl-Istati Uniti. Kemm l-Isqof Grech u kemm il-Papa talbu maħfra f'isem il-Knisja lill-vittmi taż-żewġ każijiet differenti. Imma ħadu wkoll xi passi...**

***Kif għandna nwieġbu aħna?***

Wara l-bombardamenti tal-*media* lokali fuq "Lourdes Home", issa li s-sitwazzjoni kkalmat xi ftit, ta' min jagħmel **eżami tal-kuxjenza oġġettiv** aktar milli eżami ta' dak kollu li ntqal jew ġie rrapportat fil-*media*. Ġewni f'moħħi diversi mistoqsijiet. Miniex se nwieġeb għalihom; la jien moralista u lanqas *social worker*, u anqas u anqas imħallef... Imma bħala nisrani għandi dritt u dmir **nifforma kuxjenza** tajba u retta. Kif għandna nwieġbu għall-mistoqsijiet **provokattivi għall-kuxjenza tagħna**, bħal dawn l-għaxra:



(1) L-iżbalji u l-abbużi fi ħdan il-Knisja għandhom jiġu sempliċiment ikkundannati? Jew strettament vindikati? X'passi jistgħu jittieħdu? Fejn qed immil jien?

(2) Il-Knisja hija soċjetà perfetta. Kif u f'liema sens ta' **perfezzjoni**? Li ma nistgħux niżbaljaw? Jew li ma nammettux żbalji?

(3) Il-Knisja hi soċjetà umana. Sa fejn tista' u għandha tasal il-mogħdrija fl-iżbalji umani? Hemm xi limiti?

(4) X'inhu sewwa l-**bilanċ** bejn dixxiplina u maħfra f'każijiet serji bħal dawn?

(5) Kif għandna naġixxu **individwalment** bħala membri tal-Knisja, meta jissemmew abbużi u skandli fil-Knisja li suppost hi "qaddisa". Nikkundannaw jew nagħdru?

(6) Kemm aħna lesti għall-**awtokritika** u sa fejn nistgħu naslu fis-*self defence*?

(7) X'tgħallimna mill-esperjenza ta' tant żbalji jew abbużi agħar minn dawn (bħat-torturi ta' l-Inkwiżizzjoni) fl-istorja tal-Knisja fil-passat?

(8) X'inhu l-aħjar għall-Knisja, taħbi, tagħder u taħfer il-ħtijiet ta' wliedha? Jew tieħu passi ħorox kontra min jista' jiżbalja fid-dgħufija umana tiegħu?

(9) Liema ħtijiet huma personali u għandhom jiġu ttrattati fil-privat, u liema oħrajn soċjali jistgħu jiġu mperrċin għal sodisfazzjon jew ġudizzju pubbliku?

(10) X'jgħallimna Kristu fil-Vanġelu biex naslu għal ġudizzju rett bla preġudizzju?





***Kliem Kristu Jorbot? Kemm, lil min, u sa fejn?***

**Normi tal-Ġustizzja Nisranija:**

- "Miskin hu min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iż-żgħar…" *(għalija u għalik)*
- "Agħmlu li jgħidulkom imma tagħmlux bħalhom…" *(lil min jisma' l-Aħbar)*
- "Id-dinja tagħti minn dak li hu tagħha… Intom m'intomx tad-dinja." *(lid-dixxipli veri)*
- "Min jilqa' bniedem ġust għax hu ġust, ħlas ta' wieħed ġust jieħu…" *(lil min jeżiġi l-ġustizzja)*

**Normi tal-Maħfra Nisranija:**

- "Min hu bla dnub, jixħet l-ewwel ġebla!... lanqas jien ma nikkundannak". *(lill-mara adultera)*
- "Morru araw x'ifissru l-kelmiet : Ħniena rrid u mhux sagrifiċċju." *(lill-fariżej)*
- "Imma jiena ngħidilkom… Tiġġudikawx biex ma tkunux iġġudikati. Tikkundannawx biex ma tkunux ikkundannati. Aħfru u jiġi lilkom maħfur…" *(lil kulħadd)*
- "Għax bl-istess kejl li intom tkejlu lill-oħrajn, għad jitkejjel lilkom." *(lili u lilek)*

**X'passi tista' tieħu l-Awtorità tal-Knisja mingħajr ma tmur kontra dawn il-prinċipji u normi li tana Kristu? U kif jistgħu jitfejqu feriti ta' vittmi, mingħajr ma nifthu feriti oħra ta' vittmi tal-vittmi? Bil-qorti? B'rikompens ta' flus? B'kastigi ħorox?... Jew bil-maħfra?**

Naħseb li kemm il-Papa u kemm l-Isqof tagħna għamlu l-aħjar għażla; *"in medio stat virtus"* jgħid il-qawl latin, jiġifieri li żżomm il-bilanċ tal-ġudizzju rett, bil-**prudenza**, imma b'**serjetà** u bl-**onestà**.

U jien u int,x'qed nagħmlu? Nilgħabuha ta' l-imħallfin jew tal-miżerikordjużi? Ngħalqu ħalqna jew infajru fejn laqat laqat?... Għax sa x'ħin ma tkunx **INT** fid-deffa, tiġġudika bil-ħeffa!





# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Ħinijiet tal-ftuħ: 10.00am - 1.00pm; 6.00 - 9.00pm*



Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!

